

## Paġna ewlenija>Drittijietek>Il-Vittmi ta' delitti (għalkemm hawnhekk tista' tisser ukoll tal-kriminalità)>Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

### il-Kroazja

#### Il-vittmi ta' reat għandhom għadd ta' drittijiet fi proċedimenti prekontenzjużi u kriminali, bi protezzjoni partikolari tingħata lit-tfal u lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u reati kontra l-libertà sesswali.

Il-vittmi tal-kriminalità għandhom id-drittijiet li ġejjin:

aċċess għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ta' reati;

assistenza u appoġġ psikoloġiku effettiv u assistenza u appoġġ professjonali ieħor minn korpi, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet li jappoġġaw lill-vittmi ta' reati, f'konformità mal-liġi;

ħarsien mill-intimidazzjoni u mir-ritaljazżjoni;

ħarsien tad-dinjità tagħhom waqt li jkun qed jagħtu evidenza bħala vittmi;

li jinstemgħu mingħajr dewmien wara li jirrapportaw reat, u sussegwentement li jiġu interrogati mhux aktar milli jkun assolutament meħtieġ għall-finijiet tal-proċedimenti kriminali;

li jkun akkumpanjati minn persuna ta' fiduċja fi kwalunkwe azzjoni li jkun qed jieħdu sehem fiha;

li jgħaddu minn proċeduri mediċi minimi u dan biss jekk ikun assolutament essenzjali għall-fini tal-proċedimenti kriminali;

li jippreżentaw talba biex iħarrku jew jieħdu azzjoni privata skont il-Kodiċi Kriminali (*Kazenski zakonik*), biex jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali bħala parti leża, biex jiġu infurmati dwar ir-riġut ta' akkuża kriminali (l-Artikolu 206(3) tal-Kodiċi Kriminali) u dwar id-deċiżjoni tal-Prosekutur Pubbliku (*državni odvjetnik*) li ma jieħu ebda azzjoni, kif ukoll biex ifittxu prosekuzzjoni b'mod individwali mingħajr il-Prosekutur Pubbliku;

li jiġu infurmati mill-Prosekutur Pubbliku dwar l-azzjoni meħuda abbażi tal-akkuża tagħhom (l-Artikolu 206a tal-Kodiċi Kriminali), u jressqu ilment quddiem l-Prosekutur Pubbliku superjuri (*viši državni odvjetnik*) (l-Artikolu 206b ta' dan il-Kodiċi Kriminali);

li jitolbu u jirċievu informazzjoni mingħajr dewmien żejjed dwar il-ħelsien tat-trażgressur minn denzjoni jew żamma taħt arrest, il-ħarba jew il-ħelsien tat-trażgressur mill-ħabs, u dwar il-miżuri meħuda għall-protezzjoni tal-vittma;

li jitolbu u jirċievu informazzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni finali li ttejjem il-proċedimenti kriminali;

drittijiet oħra previsti mil-liġi.

#### Barra minn hekk, il-vittmi ta' reati sesswali u traffikar tal-bnedmin għandhom id-dritt ukoll:

għal konsultazzjoni ma' konsulent legali mħallas mill-Istat qabel ma jiġu interrogati;

għal rappreżentant imħallas mill-Istat;

li jkun intervistati minn persuna tal-istess sess fl-għassa tal-pulizija jew l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku (*državno odvjetništvo*), u li jkun intervistati mill-istess persuna jekk issir intervista oħra;

li jirrifjutaw li jwieġbu mistoqsijiet li jirrigwardaw il-ħajja personali tagħhom u li ma humiex relatati mar-reat;

li jitolbu li jkun intervistati b'mezzi awdjoviżivi (l-Artikolu 292 tal-Kodiċi Kriminali);

għal protezzjoni tad-*data* personali;

li jitolbu li s-seduta ta' smiġħ ma tkunx miftuħa għall-pubbliku.

#### Vittmi minorenni għandhom id-drittijiet kollha ta' hawn fuq kif ukoll id-dritt għal:

rappreżentant imħallas mill-Istat;

protezzjoni tad-*data* personali;

seduta ta' smiġħ li ma tkunx waħda pubblika.

Minorenni hija kull persuna taħt l-età ta' 18-il sena.

Ix-xhieda minorenni jew vittmi jiġu eżaminati mill-imħallef inkwirenti f'seduta ta' smiġħ istruttoria, u t-taħrika tintbagħat lill-ġenituri jew lill-kustodju tagħhom.

#### Azzjoni privata

Meta jiġi rrapportat reat, il-prosekutur pubbliku fil-parti l-kbira ta' każijiet iwettaq prosekuzzjoni *ex officio*.

Azzjoni privata tista' tiġi mressqa fil-każ ta' reati li għalihom jitniedu proċedimenti kriminali abbażi ta' azzjoni privata. L-azzjoni privata trid titressaq fi żmien tliet xhur mid-*data* ta' meta l-persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata tkun saret taf bir-reat u b'min wettqu.

#### Talbiet għad-danni

Parti leża għandha d-dritt li tressaq talba għad-danni bħala parti mill-proċedimenti kriminali.

Il-vittmi tal-kriminalità jikkwalifikaw ukoll bħala partijiet leżi u huma intitolati li jressqu talba għad-danni quddiem il-qorti.

Talba għad-danni tista' tftitex:

kumpens għad-danni, li jistgħu jkun tanġibbli jew intanġibbli (uġiġħ imġarrab, biża');

l-ġhoti lura tal-proprietà personali — jekk il-parti leża tista' tipprova li hija s-sid jew id-detentur leġittimu;

l-annullament ta' tranżazzjoni speċifika — jekk ir-reat ikun irriżulta fi tranżazzjoni ta' proprietà (jekk l-imputat ikun ġieġħel lill-vittma biex tikkonkludi kuntratt).

Talba għad-danni tista' tiġi ppreżentata bħala parti minn proċedimenti kriminali jew f'azzjoni ċivili separata kontra l-konvenut. Talba għad-danni ppreżentata matul proċedimenti kriminali tista' tiġi milqugħa biss jekk il-qorti ssib lill-akkużat ħati.

Dan ma huwiex rekwiżit għas-suċċess ta' talba ppreżentata fi proċedimenti ċivili.

#### Id-drittijiet tal-partijiet leżi matul investigazzjoni u fi proċedimenti kriminali

Il-vittmi li jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali bħala partijiet leżi huma intitolati:

li jużaw il-lingwa materna tagħhom, inkluża l-lingwa tas-sinjali, u jitolbu l-assistenza ta' interpretu jekk ma jifhmux jew ma jittkellmex il-Kroat, jew ta' interpretu tal-lingwa tas-sinjali jekk ikunu torox jew torox-għomja;

li jippreżentaw talba għad-danni u talbiet għal inġunzjonijiet temporanji;

għal rappreżentant;

li jippreżentaw il-fatti u jressqu l-evidenza;

li jattendu seduta ta' smiġħ istruttoria;

li jattendu l-proċedimenti, jieħdu sehem fil-proċedimenti ta' eżami tal-provi u jagħmlu dikjarazzjoni tal-għeluq;

li jkollhom aċċess għall-atti tal-kawża;

li jitolbu li jkun infurmati mill-prosekutur pubbliku dwar l-azzjoni meħuda abbażi tal-akkużi tagħhom, u jippreżentaw kwerela lill-prosekutur pubbliku superjuri; li jappellaw;

li jitolbu li jkun hemm treġġiġ lura tas-sitwazzjoni għal kif kienet qabel;

li jiġu nnotifikati dwar l-eżitu tal-proċedimenti kriminali.

Kemm qabel kif ukoll fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti kriminali, l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku u l-qorti jridu jqisu l-portata għall-konvenut li jikkumpensa lill-parti leża għal kwalunkwe telf ikkawżat minħabba r-reat. Huma jridu wkoll jinformat lill-parti leża bid-dritt li jużaw il-lingwa tagħhom stess, inkluż il-lingwa tas-sinjali jekk ikunu torox jew torox-għomja, u bl-assistenza ta' interpretu jekk ma jgħidux jew ma jgħidux il-Kroat, jew ta' traduttur jew interpretu fil-lingwa tas-sinjali jekk ikunu torox jew torox-għomja, id-dritt li jressqu rikors għal talba ċivili u għal inġunzjonijiet temporanji, li jippreżentaw dikjarazzjoni tal-fatti u li jippreżentaw evidenza, li jattendu għall-proċedimenti u li jipparteċipaw fi proċedimenti istruttorji, li jagħmlu dikjarazzjoni tal-għeluq, li jaċċedu għall-fajl tal-kawża, u li jistaqsu li jiġu infurmati mill-prosekutur pubbliku fir-rigward ta' kawża mibdija abbażi tal-akkużi kontrihom u li jressqu ilment ma' prosekutur pubbliku superjuri.

#### **Id-dritt għall-kumpens finanzjarju**



L-Att dwar il-Kumpens Finanzjarju għall-Vittmi ta' Reat (*Zakon o novčanoj naknadi žrtvama kaznenih djela*) (*Narodne Novine* (NN; il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nri 80/08 u 27/11) jistabilixxi d-dritt ta' kumpens finanzjarju għall-vittmi ta' reat li jkun jinvolvi vjolenza mwettqa b'intenzjoni fil-Kroazja jew għall-qraba tagħhom skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Att.

Jistabilixxi d-dritt ta' kumpens finanzjarju għall-vittmi ta' reat vjolenti mwettqa b'intenzjoni u jispeċifika l-prerekwiżiti u l-proċeduri sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-kumpens, il-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet u li jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar id-dritt ta' kumpens u l-korpi u l-proċeduri f'kawżi transfruntieri.

Il-vittmi ta' reati vjolenti mwettqa b'intenzjoni għandhom dritt għal kumpens finanzjarju mill-baġit nazzjonali.

Il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku u l-qorti huma meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar id-dritt għall-kumpens, jipprovdu l-formoli ta' applikazzjoni meħtieġa u fuq talba tal-vittma, jagħtu gwida ġenerali u informazzjoni dwar kif għandu jsir ir-rikors u dwar liema dokumenti ta' sostenn għandhom jiġu annessi.

L-applikazzjonijiet għall-kumpens finanzjarju jridu jiġu ppreżentati lill-Ministeru tal-Ġustizzja fuq il-formola li tista' titniżżel mis-sit web tal-Ministeru.

**Formola ta' applikazzjoni għall-kumpens finanzjarju għall-vittmi ta' reat\_hr**  (223 Kb) 

Ir-rikorsi iridu jiġu ppreżentati fi żmien sitt xhur mid-data meta jkun seħħ ir-reat. Jekk il-vittma jkollha raġunijiet leġittimi għaliex naqset milli tippreżenta r-rikors sal-iskadenza, hija għandha tagħmel dan fi żmien tliet xhur mid-data li fiha dawk ir-raġunijiet ma jibqgħux jeżistu, u fi kwalunkwe każ fi żmien tliet snin mid-data li fiha jkun twettaq ir-reat.

Jekk il-vittma hija minorenni jew persuna mċaħħda mill-kapaċità legali tagħha u r-rappreżentant legali tagħha naqas milli jippreżenta talba fi żmien sitt xhur mid-data tar-reat, l-iskadenza ta' sitt xhur tibda mill-jum li fih il-vittma tilħaq l-età ta' 18-il sena jew mill-jum meta, wara li l-vittma tkun laħqet l-età ta' 18-il sena, jinbdew il-proċedimenti kriminali, jew mill-jum li fih il-vittma terġa' tibda tgawdi minn kapaċità legali.

#### **Id-dritt għal kumpens finanzjarju japplika fil-każijiet li ġejjin:**

il-vittmi ta' reat li jinvolvi vjolenza jekk ikunu ċittadini tar-Repubblika tal-Kroazja, iċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ir-residenti permanenti fl-Unjoni Ewropea, u r-reat ikun twettaq fil-Kroazja;

il-vittmi li jkunu ġarrbu offiża gravi fuq il-persuna jew deterjorament tas-saħħa bħala riżultat tar-reat ikunu intitolati għall-kumpens tal-ispejjeż tat-trattament, dment li dan tal-aħħar ma jkunx kopert minn assigurazzjoni tas-saħħa obligatorja, sal-ammont tal-assigurazzjoni tas-saħħa fir-Repubblika tal-Kroazja u kumpens għat-telf ta' qligħ li jista' jilħaq HRK 35 000;

il-persuni li jkunu qraba stretti tal-vittma deċeduta (konjuġi jew sieħeb/sieħba, wild, ġenitur, ġenitur adottiv, wild adottat, żewġ jew mart il-ġenitur, wild tal-konjuġi minn relazzjoni preċedenti, sieħeb/sieħba tal-istess sess, nannu/nanna u neputi/neputija jekk ikunu jagħmlu parti mill-istess dar bħall-vittma) huma intitolati għal kumpens li jista' jilħaq HRK 70 000 għat-telf tal-manteniment statutorju;

f'każ ta' mewt tal-vittma, il-persuna li tħallas għall-ispejjeż tal-funeral hija intitolata għal kumpens li jista' jasal sa HRK 5 000;

jekk reat jiġi rrapportat lill-pulizija jew jitressaq minnhom jew mill-uffiċċju tal-avukat ġenerali fi żmien sitt xhur mid-data li fih seħħ, minkejja jekk l-awtur tar-reat ikunx magħruf jew le.

Sabiex jiġi stabbilit l-ammont tal-kumpens, jittieħed kont tal-imġiba tal-vittma matul u wara r-reat, il-kontribut tagħha għad-dannu u l-firxa tagħha, jekk il-vittma hijiex vittma diretta u jekk irrapportat id-delitt lill-awtoritajiet kompetenti u meta tkun għamlet dan. Barra minn hekk, issir valutazzjoni dwar kemm il-vittma ikkooperat mal-pulizija u mal-awtoritajiet kompetenti sabiex l-awtur tar-reat jitressaq quddiem il-ġustizzja, filwaqt li jitqies jekk il-vittma immedjata ikkontribwixt għad-dannu jew aggravatx id-dannu; fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-każijiet il-kumpens li hija intitolata l-vittma għalih se jitnaqqas kif xieraq. Ir-rikors għall-kumpens ma jintlaqgħax, jew l-ammont jiġi mnaqqas, jekk jinstab li l-vittma tkun involuta fi kriminalità organizzata jew f'organizzazzjoni kriminali. Il-kumpens jista' jiġi wkoll ma jintlaqgħax, jew l-ammont imnaqqas, jekk l-għoti tal-kumpens kollu jikser il-prinċipji ta' ġustizzja, moralità u ordni pubbliku.

#### **Avviż dwar il-ħelsien ta' trażgressur**

Meta l-imputat jingħata sentenza ta' priġunerija, is-Servizz għall-Appoġġ tal-Vittmi u tax-Xhieda (*Služba za podršku žrtvama i svjedocima*) fil-Ministeru tal-Ġustizzja jinforma lill-vittma dwar id-data tal-ħelsien tal-priġunier (ħelsien bla kundizzjonijiet u ħelsien bi probation).

#### **Obbligu statutorju li l-vittmi jiġu infurmati dwar il-ħelsien tal-priġunier**

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att li Jemenda l-Att dwar l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi ta' Priġunerija (*Zakon o izmjenama i dopunama Zakona o izvršenju kazne zatvora*), is-Servizz Indipendenti għall-Appoġġ tal-Vittmi u tax-Xhieda fil-Ministeru tal-Ġustizzja huwa obligat jinnotifika lill-vittma, lill-parti leża jew lill-familja tagħha dwar il-ħelsien tal-priġunier.

Il-vittmi huma nnotifikati bil-ħelsien tal-priġunier f'każijiet kontra l-libertà sesswali u l-moralità sesswali, kontra l-ħajja u minħabba korrimment gravi u reati li jinvolvu vjolenza.

Il-vittma, il-parti leża jew il-familja tagħha jingħataw din l-informazzjoni, irrispettivament minn jekk il-priġunier ikunx qed jiġi rilaxxat mingħajr kundizzjonijiet jew bi probation.

Barra minn hekk, meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar jekk priġunier jithallixx joħroġ mill-ħabs biex imur fil-post ta' residenza permanenti jew temporanji tiegħu, il-faċilitajiet korrettivi/il-ħabsijiet jistgħu jitolbu lis-Servizz għall-Appoġġ tal-Vittmi u tax-Xhieda jipprovdi informazzjoni dwar ir-reazzjoni tal-vittma jew tal-familja tal-vittma għal din il-possibiltà. Is-Servizz għall-Appoġġ tal-Vittmi u tax-Xhieda fil-Ministeru tal-Ġustizzja jgħidli rapporti għall-faċilità korrettiva/ħabs abbażi tad-diskussjonijiet tiegħu mal-vittma.

#### **Appoġġ lix-xhieda u lill-vittmi**

L-appoġġ lix-xhieda u lill-vittmi fir-Repubblika tal-Kroazja huwa kkoordinat mis-Servizz għall-Appoġġ tal-Vittmi u tax-Xhieda fil-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-vittmi u x-xhieda jistgħu jingħataw appoġġ u informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-proċeduri mingħand id-Dipartiment ta' Appoġġ għall-Vittmi u x-Xhieda ta' qorti.

Dawn id-dipartimenti twaqqfu f'seba' qrati tal-kontea (*županijski sudovi*), jiġifieri f'Zagreb, Zadar, Osijek, Vukovar, Split, Sisak u Rijeka. Id-dipartimenti jipprovdu appoġġ emozzjonali, informazzjoni Prattika u informazzjoni dwar id-drittijiet għall-vittmi, u appoġġ u informazzjoni għax-xhieda u għall-persuni li jkunu qed jakkumpanjawhom. Hemm ukoll dipartimenti li jipprovdu appoġġ fil-qrati kompetenti muniċipali u f'dawk għar-reati minuri (*općinski u prekršajni sudovi*).

Il-vittmi jistgħu jiksbu wkoll informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u t-tipi ta' assistenza disponibbli għalihom billi jċemplu **n-numru ta-telefonu bla ħlas 116 006 ta-Ċentru Telefoniku Nazzjonali għall-Vittmi ta' Reati u ta' Reati Minuri** (ara wkoll is-sit web ta-Ċentru Telefoniku Nazzjonali).

Il-Ministeru tal-Ġustizzja jipprovdi wkoll lill-vittmi u lix-xhieda b'appoġġ u b'informazzjoni dwar drittijiethom, u jistgħu jintbagħtu mistoqsijiet permezz tal-posta elettronika lil: [zrtve.i.svjedoci@pravosudje.hr](mailto:zrtve.i.svjedoci@pravosudje.hr) jew fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Kroazja: <https://pravosudje.gov.hr/>

#### **Appoġġ lill-vittmi u lix-xhieda f'kawżi transfruntieri**

Is-Servizz għall-Appoġġ tal-Vittmi u tax-Xhieda li twaqqaf fil-Ministeru tal-Ġustizzja, jipprovdi appoġġ u informazzjoni kemm lill-vittmi kif ukoll lix-xhieda li jiġu mħarrka permezz tal-assistenza legali internazzjonali (inklużi xhieda ta' delitti tal-gwerra).

Ittri ta' informazzjoni jintbagħtu lix-xhieda li jitħarrku biex jixhdu fil-qrati fir-Repubblika tal-Kroazja, jew lil xhieda Kroati li jitħarrku biex jidhru quddiem qrati barranin.

Ix-xhieda ta' delitti tal-gwerra jingħataw protezzjoni fiżika fejn ikun meħtieġ, u assistenza sabiex jippreparaw il-vjaġġ tagħhom u biex jidhru quddiem korp ġudizzjarju kompetenti (fil-każ ta' xhieda jew partijiet oħra li jitħarrku għal interrogazzjoni fi proċedimenti kriminali marbutin ma' delitti tal-gwerra quddiem korpi ġudizzjarji kompetenti fir-Repubblika tal-Kroazja jew barra mill-Kroazja meta dan l-appoġġ ikun marbut ma' talba għal assistenza legali internazzjonali).

#### **Ikkljkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib l-informazzjoni li teħtieġ:**

**1 - Id-drittijiet tiegħi bħala vittma ta' reat**

**2 - Ir-rapportar ta' reat u d-drittijiet tiegħi matul l-investigazzjoni jew il-proċess**

**3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess**

**4 - Kumpens**

**5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza**

L-aħħar aġġornament: 27/03/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### **1 - Id-drittijiet tiegħi bħala vittma ta' reat**

##### **X'informazzjoni ningħata mill-awtorità (eż. il-pulizija, il-prosekutur pubbliku) wara li jkun seħħ ir-reat iżda qabel ma nirrapporta r-reat?**

Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali ma jirregolax il-kontenut tal-iskeda ta' informazzjoni li tista' tingħata lill-vittma wara li jkun seħħ ir-reat u qabel dan jiġi rrapportat. Kulħadd għandu d-dritt u l-possibbiltà li jikkuntattja lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, fejn jista' jiġi rrapportat reat, issir dikjarazzjoni, jew titressaq informazzjoni dwar kwistjoni li taqa' taħt il-mandat tal-Prosekutur Pubbliku. L-individwi li jikkuntattjaw lill-Uffiċċju jirċievu informazzjoni dwar kif jirrapportaw ir-reat kif ukoll informazzjoni bażika oħra dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

L-uffiċjali tal-pulizija huma meħtieġa li jirreġistraw *ex officio* r-rapporti ta' reati li fir-rigward tagħhom ikunu tteħdu passi kriminali.

Barra minn hekk, kulħadd huwa intitolat għal protezzjoni xierqa tal-pulizija jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex tingħata dik il-protezzjoni.

**Id-dipartimenti tal-appoġġ għall-vittmi u għax-xhieda, li ġew stabbiliti minn seba' qrati tal-kontea**, jipprovdu appoġġ emozzjonali lill-vittmi, kif ukoll

informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom (inkluża informazzjoni teknika u Prattika). Huma joffru wkoll appoġġ u informazzjoni lix-xhieda u lill-membri tal-familja kemm tal-vittmi kif ukoll tax-xhieda. L-informazzjoni u l-appoġġ jingħataw irrispettivament mill-istadju tal-proċedimenti. Il-vittmi jirċievu informazzjoni u appoġġ anke jekk ma jirrapportaw ir-reat. Dawk id-dipartimenti jirreferu wkoll lill-vittmi u lix-xhieda lil istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet speċjalizzati tas-soċjetà ċivili, skont il-ħtiġijiet tagħhom.

#### **Jien ma nġiex fil-pajjiż tal-UE fejn seħħ ir-reat (ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex). Kif inhuma protetti d-drittijiet tiegħi?**

Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet tal-vittmi u tal-partijiet ċivili japplikaw b'mod ugwali mingħajr ma titqies iċ-ċittadinanza, minħabba li l-leġiżlazzjoni kriminali Kroata tapplika għal kull min iwettaq reat fil-Kroazja. Il-partijiet u l-partiċipanti fil-proċedimenti huma intitolati jużaw il-lingwa materna tagħhom.

Skont il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali u l-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità (Kumpens Finanzjarju), **il-pulizija, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u l-qrati** huma meħtieġa jipprovdu informazzjoni lill-vittmi tal-kriminalità dwar id-drittijiet tagħhom skont dawk l-atti. Dan ifisser li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u l-qrati

huma meħtieġa jeżaminaw il-possibbiltajiet, kemm qabel il-proċedimenti kriminali kif ukoll fi kwalunkwe stadju matulhom, sabiex l-individwu akkużat jikkumpensa lill-parti leża għal kwalunkwe telf/dannu kkawżat mir-reat, u biex jinfurmaw lill-parti leża – verbalment f'lingwa li tifhem il-vittma u bil-miktub bil-

Kroat jew bl-Ingliż – dwar id-dritt tagħha li tuża l-lingwa materna tagħha u li tressaq talba skont il-liġi tal-proprietà u d-dritt tagħha għal kumpens). L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u l-qrati huma meħtieġa wkoll li jipprovdu lill-vittma, fuq talba tagħha, bi struzzjonijiet ġenerali u informazzjoni dwar kif timla t-talba u

dwar liema dokumenti ta' sostenn għandha tippreżenta. Skedi ta' informazzjoni li jinkludu informazzjoni dwar id-dritt tal-vittma għall-kumpens huma disponibbli bil-Kroat u bl-Ingliż, bħalma hija l-Formola ta' Talba għal Kumpens. Dawn id-dokumenti, fil-verżjonijiet Kroati u Ingliżi, jistgħu jitniżżlu mis-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Kroazja.

Kwalunkwe vittma li tirrapporta reat tirċievi informazzjoni mingħand il-pulizija dwar id-drittijiet tagħha. Wara li jinforma lill-vittma verbalment, l-uffiċjal tal-pulizija jipprovdi informazzjoni lill-vittma dwar id-drittijiet tagħha bil-miktub u kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar servizzi li jipproteġu u jappoġġaw lill-vittmi, inkluż in-numru tal-linja telefonika għall-appoġġ għall-vittmi bla ħlas.

Għal individwi b'ebda għarfien tal-Kroat, il-pulizija tagħmel disponibbli skeda ta' informazzjoni dwar id-drittijiet b'lingwi oħra.

**Voluntiera fi-Ċentru Telefoniku Nazzjonali għall-Vittmi ta' Reati u Reati Minuri (116-006)** jipprovdu appoġġ emozzjonali, informazzjoni dwar id-drittijiet u informazzjoni Prattika. Huma jirreferu wkoll lill-vittmi għand servizzi u organizzazzjonijiet kompetenti oħra biex jiżguraw li dawn jirċievu informazzjoni addizzjonali u forom oħra ta' appoġġ u assistenza. Din il-linja telefonika għall-għajnuna bla ħlas hija miftuħa mit-8 am sat-8 pm matul il-ġimgħa, u l-membri tal-

persunal jistgħu jirrispondu għat-telefonati bil-Kroat u bl-Ingliż.

**Jekk nirrapporta reat, x'informazzjoni nirċievu?**

(a) Fi żmien xahrejn minn meta jinfetaħ każ jew jiġi rrapportat reat, il-vittma u l-parti leża huma intitolati jitolbu informazzjoni mingħand l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għall-akkużi/għar-rapport. Dawn jiġu infurmati mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku dwar l-azzjoni meħuda fi żmien raġonevoli, mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data tat-talba, sakemm it-talba ma tkunx tipperikola l-effettività tal-proċedimenti. Id-

deċiżjoni li tinżamm din l-informazzjoni trid tiġi kkomunikata lill-vittma jew lill-parti leża li tagħmel it-talba.

(b) Il-Prosekutur Pubbliku jissospendi investigazzjoni b'deċiżjoni, jekk:

ir-reat li l-individwu jkun mixli bih ma jkunx reat li fir-rigward tiegħu jkunu ttieħdu passi *ex officio*;  
iċ-ċirkustanzi jeskludu l-ħtija tal-individwu mixli, sakemm l-att illegali ma jkunx twettaq fi stat ta' inkapaċità mentali;  
l-istatut tal-limitazzjonijiet ikun skada għar-reat jew jekk ir-reat ikun suġġett għal amnestija jew maħfra, jew jekk ikun hemm ċirkustanzi oħra li jipprojbixxu prosekuzzjoni; u  
ma jkun hemm l-ebda evidenza li l-individwu mixli jkun wettaq ir-reat.  
Id-deċiżjoni li tiġi sospiża l-investigazzjoni tintbagħat lill-parti leża u lill-individwu mixli, li jinħeles immedjatament jekk ikun ġie arrestat jew ikun jinsab detenut.  
Minbarra l-ittra ta' deċiżjoni, skont l-Artikolu 55 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, il-parti leża tirċievi informazzjoni dwar kif tiegħu passi hija stess.  
(c) Wara li jeżamina r-rapport u jwettaq kontroll fis-sistemi ta' informazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, il-Prosekutur Pubbliku jirrifjuta r-rapport b' deċiżjoni motivata jekk ikun ċar mir-rapport li:  
ir-reat mhuwiex reat li fir-rigward tiegħu jistgħu jittieħdu passi *ex officio*;  
il-preskrizzjoni tkun skadiet għar-reat, jew jekk ir-reat ikun suġġett għal amnestija jew maħfra, jew il-qorti tkun diġà ħadet deċiżjoni dwar ir-reat, jew ikun hemm ċirkustanzi oħrajn li jipprojbixxu prosekuzzjoni;

iċ-ċirkustanzi jeskludu l-ħtija;  
ma hemm l-ebda raġuni raġonevoli biex wieħed jissuspetta li l-individwu mixli wettaq ir-reat irrapportat; jew  
l-informazzjoni fir-rapport tissuġġerixxi li r-rapport ma huwiex kredibbli.  
Ma huwiex permessi appelli kontra d-deċiżjoni tal-Prosekutur Pubbliku li jiċċad rapport.  
Ħliet jekk ikun jipprovi mod ieħor il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, il-Prosekutur Pubbliku jinnotifika lill-vittma dwar id-deċiżjoni li jiċċad ir-rapport u r-raġunijiet għal dan fi żmien tmint ijiem. Il-Prosekutur Pubbliku jipprovi wkoll informazzjoni dwar kif il-vittma tista' tiegħu passi hija stess. Minnufih, il-Prosekutur Pubbliku jinforma lill-persuna li tkun għamlet ir-rapport u lill-individwu mixli dwar id-deċiżjoni li jiċċad ir-rapport, jekk dan ikun mitlub minn kwalunkwe parti.  
Jekk il-Prosekutur Pubbliku ma jkunx jista' jivvaluta l-kredibilità tal-allegazzjonijiet mir-rapport innifso, jew jekk l-informazzjoni fir-rapport ma tkunx tipprovi raġuni suffiċjenti biex tittieħed deċiżjoni dwar it-tneċija ta' investigazzjoni jew il-ġbir ta' evidenza, huwa jmessxi l-inkjesti tiegħu stess jew jagħti struzzjonijiet lill-pulizija biex jagħmlu dan.  
(d) Is-superviżur tal-kustodja irid jeħles mkinnufih lill-individwu li jkun arrestat jew detenut:  
jekk jingħata struzzjonijiet biex jagħmel dan mill-Prosekutur Pubbliku;  
jekk l-individwu arrestat ma jkunx ġie interrogat fi żmien l-iskadenza statutorja; jew  
jekk id-detenzjoni tkun ġiet ikkanċellata.  
(e) Il-Prosekutur Pubbliku jista' jsejjaħ xhieda u esperti biex jgħinu fil-kumpilazzjoni ta' provi. It-taħrika tista' tintbagħat ukoll mill-investigatur jekk dan ikun awtorizzat mill-Prosekutur Pubbliku. Il-qorti tista' tħarrek xhieda jew esperti biex jixhdu f'seduta tal-provi jew biex jattendu seduta tfil-qorti. Il-korp kompetenti jistabbilixxi minn qabel il-ħin u l-post fejn ser jittieħdu l-provi. Il-persuna mħarrika tiġi mwissija dwar il-konsegwenzi jekk hija ma tattendix.

### **Jien intitolat għal servizzi ta' interpretazzjoni jew ta' traduzzjoni mingħajr ħlas (meta nikkuntattja lill-pulizija jew lill awtoritajiet oħra, jew matul l-investigazzjoni u l-proċess)?**

**Vittma li tipparteċipa fi proċedimenti kriminali bħala parti leża hija intitolata li:**

tuża l-lingwa materna tagħha, inkluża l-lingwa tas-sinjali, u titlob għajuna mingħand interpretu jekk ma tkunx tifhem jew ma jkollhiex ħakma suffiċjenti tal-Kroat, jew mingħand interpretu tal-lingwa tas-sinjali jekk il-parti leża tkun persuna nieqsa mis-smiġh jew nieqsa mis-smiġh u d-dawl.

### **L-awtorità kif tista' tiżgura li qed nifhem u li niġi mifhum (jekk jiena minorenni; jekk għandi diżabbiltà)?**

Ħliet jekk liġi separata tipprovi mod ieħor, l-imħallef inkwirenti jista' jiġbor evidenza minn kwalunkwe xhud minorenni taħt l-14-il sena. Is-seduta isseħħ mingħajr il-preżenza tal-imħallef jew tal-partijiet fl-istess kamra mal-minorenni, bl-użu ta' tagħmir awdjoviżiv imħaddem minn assistent professjonali. Is-seduta tiġi assistita minn psikologu, speċjalista tal-edukazzjoni tat-tfal jew professjonist ieħor. Din is-seduta jistgħu jattendu għaliha wkoll ġenitur jew kustodju, ħliet jekk dan ikun imur kontra l-interessi tal-investigazzjoni jew tal-minorenni. Il-partijiet jistgħu jistaqsu mistoqsijiet lix-xhud minorenni permezz ta' professjonist, suġġett għall-approvazzjoni tal-imħallef inkwirenti. Is-seduta tiġi rreġistrata permezz ta' tagħmir awdjoviżiv, u r-reġistrazzjonijiet tiġi ssiġillata u mehmuża mal-minuti. Xhud minorenni jista' jiġi mħarrek għat-tieni seduta f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, fejn tiġi segwita l-istess proċedura.

Ħliet jekk liġi separata tipprovi mod ieħor, l-imħallef inkwirenti jista' wkoll jisma' x-xhieda ta' xhud minorenni ta' bejn 14 u 18-il sena. L-interrogazzjoni tat-tfal, speċjalment jekk ikunu l-vittma tar-reat, għandha tiġi ttrattata bir-reqqa biex jiġi żgurat li ma taffettwax is-saħħa mentali tagħhom b'mod negattiv. Tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-minorenni.

Kwalunkwe xhud li ma jkunx jista' jwieġeb għal taħrika minħabba raġunijiet ta' età avanzata, mard jew diżabbiltà, jista' jinstema' fl-appartament jew post ieħor fejn ikun jgħix. Dawn ix-xhieda jistgħu jinstemgħu permezz ta' tagħmir awdjoviżiv imħaddem minn professjonist. Jekk ikun iġġustifikat mill-kundizzjoni tax-xhud, is-seduta titwettaq b'tali mod li jippermetti li l-partijiet jistaqsuh mistoqsijiet mingħajr ma jkunu preżenti fl-istess kamra miegħu. Jekk meħtieġ, is-seduta tiġi rreġistrata permezz ta' tagħmir awdjoviżiv, u r-reġistrazzjonijiet tiġi ssiġillata u mehmuża mal-minuti. Fuq talba tal-vittma, din l-istess proċedura ta' eżami tax-xhud tista' tiġi segwita jekk tkun vittma ta' reat kontra l-libertà sesswali jew il-moralità, reat ta' traffikar tal-bnedmin jew reat imwettaq fil-familja. Dan ix-xhud jista' jiġi mħarrek għat-tieni seduta f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, jekk dan jinqies bħala meħtieġ mill-qorti.

### **Servizzi ta' appoġġ għall-vittmi**

#### **Min jipprovi l-appoġġ għall-vittmi?**

Id-dipartimenti tal-appoġġ għall-vittmi u għax-xhieda, li ġew stabbiliti minn seba' qrati tal-kontea (Zagreb, Osijek, Split, Rijeka, Sisak, Zadar u Vukovar) jipprovdu appoġġ emozzjonali lill-vittmi u lix-xhieda li jagħtu evidenza f'dawn il-qrati u fil-qrati muniċipali ta' dawn il-bliet u l-bliet żgħar. Dawn id-dipartimenti jipprovdu wkoll appoġġ fi qrati ta' reati minuri f'każijiet ta' vjolenza domestika, u jirreferu lill-vittmi u lix-xhieda għand istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet speċjalizzati tas-soċjetà ċivili, skont il-ħtiġijiet tagħhom.

L-informazzjoni u l-appoġġ jingħataw bit-telefown u meta l-vittma/x-xhud jidhul fil-bini tal-qorti. L-informazzjoni tingħata wkoll bl-email.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur [il-paġna li ġejja tal-Ministeru tal-Ġustizzja](#).

#### **Il-pulizija jirreferuni awtomatikament għall-appoġġ għall-vittmi?**

Meta jinforma lill-vittma dwar id-drittijiet tagħha, l-uffiċjal tal-pulizija jipprovi wkoll informazzjoni lill-vittma dwar id-drittijiet tagħha bil-miktub u kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, inkluż in-numru tal-linja telefonika għall-appoġġ għall-vittmi bla ħlas. L-iskeda ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tinkludi d-dettalji ta' kuntatt:

tad-dipartiment kompetenti tal-appoġġ għall-vittmi u għax-xhieda;

tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-kontea rilevanti;

taċ-Ċentru Telefoniku Nazzjonali għall-Vittmi ta' Reati u Mgħiba Ħażina (116-006);

#### **Kif inhi protetta l-privatezza tiegħi?**

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġbru informazzjoni personali għall-finijiet stabbiliti mil-liġi biss, bħala parti mid-dmirijiet tagħhom stipulati mill-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

L-informazzjoni personali tista' tiġi pproċessata biss meta dan ikun speċifikat minn liġi jew minn dispożizzjoni legali oħra, u dan l-ipproċessar irid ikun limitat għall-fini li għalih tkun inġabret l-informazzjoni. L-ipproċessar ulterjuri ta' din l-informazzjoni huwa awtorizzat, sakemm ma jkunx imur kontra l-fini li għalih tkun inġabret l-informazzjoni, u sakemm il-korpi kompetenti jkunu awtorizzati biex jipproċessaw din l-informazzjoni għal fini ieħor stabbilit mil-liġi, u l-ipproċessar ulterjuri jkun meħtieġ u proporzjonat mal-fini l-ieħor.

Informazzjoni personali relatata mas-saħħa jew mal-ħajja sesswali ta' xi ħadd tista' tiġi pproċessata biss f'każijiet eċċezzjonali, fejn ir-reat ikun suġġett għal sentenza ta' priġunerija ta' ħames snin jew aktar u ma jkunx jista' jinqabad jew jittieħdu passi fir-rigward tiegħu b'xi mod ieħor, jew fejn il-qbid/prosekuzzjoni jkunu minfija b'diffikultajiet sproporzjonati.

L-ebda pproċessar ta' informazzjoni personali relatata ma' razza jew etniċità, ma' persważjoni politika, ma' twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew ma' sħubija fi trade union ma huwa awtorizzat.

Informazzjoni personali miġbura għall-finijiet ta' proċedimenti kriminali tista' tintbagħat lil korpi governattivi f'konformità ma' liġi speċjali, u lil entitajiet ġuridiċi oħra biss jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jew il-qorti jsibu li dawn jeħtieġu din l-informazzjoni għal fini stabbilit mil-liġi. Meta tintbagħat din l-informazzjoni, l-entitajiet ġuridiċi rilevanti jiġu mfakkra dwar id-dmirijiet tagħhom li jiproteġu d-*data* tal-persuni kkonċernati.

F'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti, id-*data* personali tista' tintuża fi proċedimenti kriminali oħra, fi proċedimenti kriminali li jitttrattaw atti punibbli li jseħħu fil-Kroazja, fi proċeduri relatati mal-assistenza internazzjonali għall-ġustizzja kriminali, u fi sforzi internazzjonali ta' kooperazzjoni tal-pulizija.

### **Hemm bżonn li nirrapporta reat qabel ma nkun nista' naċċessa l-appoġġ għall-vittmi?**

Il-vittma tirċievi informazzjoni u appoġġ mid-dipartiment tal-appoġġ għall-vittmi u għax-xhieda tal-qorti jew l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili rilevanti, anke jekk din **ma tirrappurtax ir-reat**.

### **Protezzjoni personali jekk inkun fil-periklu**

Skont l-Artikolu 99 tal-Att dwar il-Kompeti u s-Setgħat tal-Pulizija, ħlief jekk liġi separata tkun tipprovdi mod ieħor, u għall-perjodu ta' żmien li fih ikun hemm raġunijiet raġonevoli għal din l-azzjoni, il-pulizija tipprovdi protezzjoni xierqa għall-vittma u għal kwalunkwe persuna oħra li tkun ipprovdiet jew tista' tipprovdi informazzjoni rilevanti għall-proċedimenti kriminali, kif ukoll għal kwalunkwe persuna qrib tagħhom jekk huma jew persuni qrib tagħhom ikunu f'riskju ta' periklu mit-trażgressur jew minn individwi oħra involuti fil-proċedimenti kriminali. Protezzjoni għall-vittma pprovduta mill-pulizija tfisser protezzjoni fiżika f'kull ħin.

### **X'tipi ta' protezzjoni huma disponibbli?**

Skont l-Artikolu 130 tal-Att dwar Reati Minuri, il-pulizija tista', temporanjament u sa tmint ijiem, tordna miżura kawtelatorja kontra individwu li b'mod raġonevoli jkun issuspettat li wettaq ir-reat. Fil-prattika, dan normalment isarraf f'Ordnijiet li jipprojbixxu lill-persuna suspettata milli żżur post jew żona partikolari (żgumbrament mid-dar tal-vittma), milli tavviċina persuna partikolari, jew milli tikkuntattja jew iżżomm kuntatt ma' persuna partikolari. Fi żmien tmint ijiem, il-pulizija tressaq akkużi quddiem il-qorti kompetenti għar-reati minuri, li mbagħad tiegħu deċiżjoni dwar jekk tissospendix jew testendix il-miżura kawtelatorja ordnata. Barra minn hekk, skont l-Att dwar (il-Protezzjoni) kontra l-Vjolenza Domestika, matul il-proċedimenti għal reat minuri, il-qorti tista' tordna li jittieħdu l-miżuri li ġejjin kontra t-trażgressur:

trattament psikosoċjali obbligatorju;

ordni li tipprojbixxi lit-trażgressur milli javviċina, jagħti fastidju jew isegwi lill-vittma ta' vjolenza domestika;

żgumbrament mid-dar kondiżi;

trattament obbligatorju għall-abbuż ta' sustanzi.

Skont l-Att dwar Reati Minuri, il-qorti tista' tapplika wkoll miżuri protettivi u kawtelatorji oħrajn maħsuba biex jiproteġu lill-vittma milli tiġi avviċinata jew milli tingħata fastidju mill-persuna suspettata.

Barra minn hekk, skont il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, minflok iżommu lill-individwu mixli taħt arrest preventiv, il-qorti u l-Prosekutur Pubbliku jistgħu jordnaw miżura jew miżuri kawtelatorji, inkluża ordni li tipprojbixxi lit-trażgressur milli jżur post jew żona partikolari, milli javviċina persuna partikolari, milli jikkuntattja jew iżommu kuntatt ma' persuna partikolari, jew ordni li tipprojbixxi lit-trażgressur milli jsegwi jew jagħti fastidju lill-vittma jew lil persuna oħra, jew inkella żgumbrament mid-dar tal-vittma.

### **Min jista' joffrili protezzjoni?**

Il-vittma tista' tikseb informazzjoni mingħand il-pulizija dwar id-drittijiet tagħha kollha, inkluża informazzjoni dwar id-dritt tagħha għall-protezzjoni, dwar it-tipi ta' protezzjoni offruti, u dwar l-azzjoni li trid tittieħed mill-pulizija biex jiproteġu lill-vittma.

### **Xi ħadd jivvaluta l-każ tiegħi biex jara ninsabx f'riskju ta' ħsara ulterjuri mit-trażgressur?**

Ladarba l-investigazzjoni tkun għet ikkompletata u d-dokumenti rilevanti jkunu ġew ippreżentati lill-korpi rilevanti ta' ġustizzja kriminali, il-pulizija ma twettaq l-ebda valutazzjoni ulterjuri tal-ħtieġiet tal-vittma għajr li twettaq kull miżura protettiva u kawtelatorja ordnata. Jekk jiġu riċevuti rapporti ta' ċirkostanzi ġodda li jindikaw theddid għid mit-trażgressur, il-pulizija tiegħu azzjoni ulterjuri biex tiproteġi lill-vittma skont il-valutazzjoni tagħha u l-fatti tal-każ.

### **Xi ħadd jivvaluta l-każ tiegħi biex jara jekk ninsabx f'riskju ta' ħsara ulterjuri mis-sistema ta' ġustizzja kriminali (matul l-investigazzjoni u l-proċess)?**

Is-sistema ta' ġustizzja kriminali (matul il-proċedimenti investigattivi u tal-qorti) topera b'mod li jirrispetta d-drittijiet u l-*locus standi* tal-vittma fil-proċeduri kriminali, f'konformità mal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Qabel jeżamina lill-vittma, il-korp prosekutur li jmexxi l-investigazzjoni jagħmel valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tal-vittma f'kooperazzjoni mal-korpi, l-organizzazzjonijiet jew l-istituzzjonijiet li jipprovdu appoġġ u assistenza lill-vittmi tal-kriminalità. Il-valutazzjoni individwali tinvolvi d-determinazzjoni tal-ħtieġa li jiġu applikati miżuri ta' protezzjoni speċjali għall-benefiċċju tal-vittma. Jekk tkun teżisti din il-ħtieġa, il-korp prosekutur jiddetermina l-miżuri protettivi li jridu jiġu applikati (arranġamenti speċjali għall-mistoqsijiet lill-vittma, l-użu ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni biex jiġi evitat kull kuntatt viżwali bejn il-vittma u t-trażgressur, u miżuri oħra stabbiliti mil-liġi). Meta l-vittma ta' reat tkun minorenni, hija preżunta l-ħtieġa li jiġu applikati miżuri protettivi speċjali, u dawn jiġu ddeterminati. Il-valutazzjoni individwali tiegħu kont partikolari tal-karatteristiċi personali tal-vittma, ta-t-tip u n-natura tar-reat, u taċ-ċirkostanzi li fihom ikun twettaq ir-reat. Tingħata attenzjoni speċjali għall-vittmi li jkunu bawew ħsara kbira minħabba l-gravità tar-reat, għall-vittmi ta' reat li jkun twettaq minħabba l-karatteristiċi personali tal-vittma, u għall-vittmi li r-relazzjoni tagħhom mat-trażgressur tagħmilhom vulnerabbli b'mod partikolari.

### **X'tip ta' protezzjoni hija disponibbli għall-vittmi vulnerabbli ħafna?**

Is-sistema ta' ġustizzja kriminali (matul il-proċedimenti investigattivi u tal-qorti) topera b'mod li jirrispetta d-drittijiet u l-*locus standi* tal-vittma fil-proċeduri kriminali, f'konformità mal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Qabel jeżamina lill-vittma, il-korp prosekutur li jwettaq l-investigazzjoni jagħmel valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tal-vittma f'kooperazzjoni mal-korpi, l-organizzazzjonijiet jew l-istituzzjonijiet li jipprovdu appoġġ u assistenza lill-vittmi tal-kriminalità. Il-valutazzjoni individwali tinvolvi d-determinazzjoni tal-ħtieġa li jiġu applikati miżuri ta' protezzjoni speċjali għall-benefiċċju tal-vittma. Jekk tkun teżisti din il-ħtieġa, il-korp prosekutur jiddetermina l-miżuri protettivi li jridu jiġu applikati (arranġamenti speċjali għall-mistoqsijiet lill-vittma, l-użu ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni biex jiġi evitat kull kuntatt viżwali bejn il-vittma u t-trażgressur, u miżuri oħra stabbiliti mil-liġi). Meta l-vittma ta' reat tkun minorenni, hija preżunta l-ħtieġa li jiġu applikati miżuri protettivi speċjali, u dawn jiġu ddeterminati. Il-valutazzjoni individwali tiegħu kont partikolari tal-karatteristiċi personali tal-

vittma, tat-tip u n-natura tar-reat, u taċ-ċirkustanzi li fihom ikun twettaq ir-reat. Tingħata attenzjoni speċjali għall-vittmi li jkunu bawwajjars kbira minħabba l-gravità tar-reat, għall-vittmi ta' reat li jkun twettaq minħabba l-karatteristiċi personali tal-vittma, u għall-vittmi li r-relazzjoni tagħhom mat-trażgressur tagħmilhom vulnerabbli b'mod partikolari.

### **Jiena minorenni – għandi drittijiet speċjali?**

#### **It-tfal li jgħid vittmi ta' reat għandhom id-drittijiet addizzjonali li għejjin:**

id-dritt għal rappreżentant imħallas mill-Istat;

id-dritt li l-informazzjoni personali tagħhom tiġi trattata b'mod kunfidenzjali;

id-dritt li jiġi eskluż il-pubbliku.

Kull persuna taħt l-età ta' 18-il sena tiqies bħala minorenni.

Xhud jew vittma minorenni tiġi eżaminata mill-imħallef inkwirenti f'seduta għas-smiġħ tal-provi, u t-taħrika tintbagħat lill-ġenituri jew lill-kustodju tagħha.

### **Membru tal-familja tiegħi miet minħabba r-reat – x'inhuma d-drittijiet tiegħi?**

Skont l-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità (Kumpens Finanzjarju), meta l-vittma diretta tmut b'riżultat ta' reat vjolenti, **il-vittma indiretta** (il-konjuġi, is-sieħeb, il-ġenitur, it-tfal tar-rispett, il-ġenitur tar-rispett, l-omm tar-rispett, il-missier tar-rispett jew l-irbib tal-vittma diretta jew tal-persuna li magħha l-vittma diretta kienet tgħix f'relazzjoni bejn koppja tal-istess sess) hija intitolata għal kumpens finanzjarju kif preskritt mill-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità (Kumpens Finanzjarju). Jekk il-vittma indiretta kienet tirċievi manteniment mingħand il-vittma (diretta) mejta, hija intitolata għal kumpens sa HRK 70 000 għal telf ta' manteniment statutorju u għal kumpens sa HRK 5 000 għall-ispejjeż tal-funeral normali li tkun ġarrbet.

Bħala l-parti leża, kull persuna li membru tal-familja tagħha jkun telf ta' vittma ta' reat hija intitolata tipparteċipa fil-proċedimenti kriminali u titlob kumpens (kemm jekk fi proċedimenti kriminali kif ukoll f'dawk ċivili).

### **Membru tal-familja tiegħi safa vittma ta' reat – x'inhuma d-drittijiet tiegħi?**

"Vittma indiretta" tfisser il-konjuġi, is-sieħeb, il-wild, il-ġenitur, it-tfal tar-rispett, il-ġenitur tar-rispett, l-omm tar-rispett, il-missier tar-rispett jew l-irbib tal-vittma diretta jew tal-persuna li magħha l-vittma diretta kienet tgħix f'relazzjoni bejn koppja tal-istess sess.

In-nanniet u n-neputijiet ukoll jistgħu jkunu vittmi indiretti, jekk wieħed minnhom kien il-vittma diretta u kienu jgħixu b'mod permanenti flimkien fejn in-nanniet hađu post il-ġenituri.

Ir-relazzjonijiet mhux matrimonjali u tal-istess sess huma trattati skont il-liġi Kroata.

Jekk il-vittma tar-reat tmut, il-vittmi indiretti huma intitolati għal kumpens (għat-telf tal-manteniment statutorju u għall-ispejjeż normali tal-funeral).

### **Għandi aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni? X'inhuma l-kundizzjonijiet? Inkun sikur(a) waqt il-medjazzjoni?**

Il-Kroazja topera *l-mudell ta' medjazzjoni bejn il-vittma u t-trażgressur* fi proċedimenti prekriminali għal trażgressuri minuri u adulti żgħażaġħ, taħt il-prinċipju ta' opportunità kondizzjonali skont l-Att dwar il-Qrati tal-Minorenni li jirregola l-obbligu speċjali għal trażgressuri minorenni u adulti żgħażaġħ biex jidhru fil-proċess ta' medjazzjoni permezz ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim. Dan ifisser li jekk it-trażgressur minorenni jikkonforma ma' dan l-obbligu, ma jkollux għalfejn jiġi pproċessat.

Mill-2013, il-Kroazja għandha total ta' 60 medjatur li tħarrġu fi programm ta' sena li jikkonsisti f'170 siegħa ta' taġħlim (li jinkludu lezzjonijiet, assenjamenti, loġħob ta' rwoli u eżerċizzji prattiki ta' mentoraġġ, kif ukoll superviżjoni). Dawn huma l-uniċi professjonisti fil-Kroazja li huma awtorizzati jamministrav għustizzja riparatriċi f'kawżi kriminali. Huma rċewew iċ-ċertifikati tagħhom mill-Ministeru Kroat tal-Politika Soċjali u ż-Żgħażaġħ, mill-Assoċjazzjoni tas-Soluzzjonijiet Alternattivi għat-Tilwim u mill-UNICEF.

B'riżultat ta' dan, il-belt żgħira ċentrali ta' kull kontea Kroata għandha s-servizz proprju tagħha ta' soluzzjonijiet alternattivi għat-tilwim.

### **Fejn nista' nsib il-liġi li tiddikjara d-drittijiet tiegħi?**

 [Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali](#)

 [L-Att dwar il-Vittmi ta' Reati \(Kumpens Finanzjarju\)](#)

L-aħħar aġġornament: 27/03/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija għestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **2 - Ir-rapportar ta' reat u d-drittijiet tiegħi matul l-investigazzjoni jew il-proċess**

### **Kif nista' nirrapporta reat?**

Ir-reati jistgħu jiġu rrapportati lill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku bil-miktub, verbalment jew b'mezzi oħra.

Jekk tirrapporta reat verbalment, tiġi mwissi dwar il-konsegwenzi li tressaq kwereli foloz. Għal rapporti ppreżentati verbalment, jittejjera rekord bil-miktub, filwaqt li rapporti magħmula bit-telefown jew mezzi oħra ta' telekomunikazzjoni huma, fejn ikun possibbli, irreġistrati elettronikament u tittejjera nota formali.

Il-vittmi li jirrapportaw reat jirċievu rikonnoxximent bil-miktub li jkun fih id-dettalji bażiċi tar-reat irrapportat. Vittmi li ma jittkellmux jew ma jiffmox il-lingwa użata mill-awtoritajiet jistgħu jirrapportaw ir-reat bil-lingwa tagħhom stess, u jiġu allokati interpretu jew persuna oħra li tifhem u titkellem kemm il-lingwa tal-awtorità kompetenti kif ukoll il-lingwa tal-vittma. Vittmi li ma jittkellmux jew ma jiffmox il-lingwa użata mill-awtoritajiet jistgħu jitolbu li l-konferma tiġi tradotta għal-lingwa tagħhom mingħajr ħlas.

Jekk rapport ta' reat jiġi sottomess lill qorti, lill-pulizija jew lill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku żbaljat, dawn jirċevuh u jibagħtuh immedjatament lill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku kompetenti.

Il-prosekutur pubbliku minnufih idaðħal ir-rapport tar-reat fir-reġistru tar-rapporti tar-reati, ħlief fejn il-liġi tgħid mod ieħor.

Jekk prosekutur pubbliku jirċievi aħbar ta' reat li twettaq jew jirċievi rapport mill-vittma biss, huwa jabbozza nota formali, jirreġistrah fir-reġistru ta' każijiet ta' reati mixxellanji, u jipproċedi kif previst mil-liġi.

Jekk ir-rapport ma jkunx jinkludi dettalji tar-reat, jiġifieri l-prosekutur pubbliku ma jkunx jista' jidentifika liema reat ġie rrapportat, huwa jirreġistrah fir-reġistru ta' każijiet ta' reati mixxellanji u jitolb lill-persuna li tirrapporta r-reat biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali fi żmien 15-il jum.

Jekk il-persuna li tirrapporta r-reat ma taġix fuq it-talba għal informazzjoni addizzjonali, il-prosekutur pubbliku jabbozza nota uffijjali dwar dan. Ladarba tkun għaddiet l-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali, il-prosekutur pubbliku jrid jirrapporta dan lill-prosekutur pubbliku superjuri fi żmien tmint ijiem. Il-prosekutur pubbliku superjuri jista' jordna li r-rapport tar-reat jiġi rreġistrat fir-reġistru tar-rapporti ta' reati.

### **Kif insir naf x'qed isir bil-każ?**

Xahrejn wara li tressaq kwerela jew tirrapporta reat, il-vittma jew il-parti leża tista' tibgħat talba għal informazzjoni lill-prosekutur pubbliku dwar l-azzjoni li tkun ittiegħet b'rispons għall-kwerela jew rapport. Il-prosekutur pubbliku jrid iwieġeb fi żmien perġodu raġonevoli iżda mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data meta jirċievi t-talba bil-miktub, minbarra meta tweġiba bħal din tista' timmina l-proċedimenti. Jekk il-prosekutur pubbliku jiddeċiedi li ma jipprovdix din l-informazzjoni, huwa jrid jinforma lill-vittma/parti leża dwar dan.

Vittma li tipparteċipa fil-proċedimenti kriminali bħala parti leża għandha d-dritt li tiġi infurmata dwar l-eżitu tal-proċedimenti.

## **Jiena intitolat għal għajjnuna legali (matul l-investigazzjoni jew il-proċess)? Taħt liema kundizzjonijiet?**

Minbarra d-drittijiet ta' hawn fuq, qabel jiġu intervistati, il-vittmi tar-reati sesswali u t-traffikar ta' bnedmin għandhom id-dritt għal konsultazzjoni mingħajr ħlas ma' konsulent legali, u jistgħu jiġu assenjati rappreżentant. L-ispiża tal-konsulent/tar-rappreżentant tiġi mill-Istat.

Vittmi minorenni għandhom id-drittijiet kollha ta' hawn fuq kif ukoll id-dritt għal rappreżentant imħallas mill-Istat.

Vittmi ta' reati għandhom id-dritt għal għajjnuna legali primarja u sekondarja. Din l-għajjnuna tingħata mingħajr ħlas lill-vittmi ta' reati vjolenti li jfittxu kumpens għad-dannu li jkunu ġarrbu bħala vittmi ta' reat.

L-Att dwar l-Għajjnuna Legali Mingħajr Ħlas jipprevedi għajjnuna legali primarja u sekondarja.

L-għajjnuna legali primarja tkopri informazzjoni legali ġenerali, parir legali, preżentazzjonijiet lil korpi pubbliċi, lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u lil organizzazzjonijiet internazzjonali f'konformità ma' trattati internazzjonali u regoli ta' proċedura interni, rappreżentazzjoni fi proċedimenti quddiem korpi pubbliċi, u assistenza legali f'soluzzjonijiet alternattivi għat-tilwim.

### **L-għajjnuna legali primarja tista' tingħata għal kwalunkwe kwistjoni legali, sakemm:**

I-applikant ma jkollux l-għarfien jew l-abilità biex jasserixxi d-drittijiet tiegħu;

I-applikant ma jkunx ingħata għajjnuna legali taħt leġiżlazzjoni speċjali;

I-applikazzjoni ppreżentata ma tkunx manifestament infondata;

is-sitwazzjoni ekonomika tal-applikant tkun tali li l-ħlas tal-għajjnuna legali professjonali jkun jista' jipperikola s-sussistenza tiegħu jew dik tal-membri tal-unità domestika tiegħu.

Applikanti li jfittxu għajjnuna legali primarja għandhom jikkuntattjaw lil fornitur ta' għajjnuna legali primarja direttament.

**Għajjnuna legali sekondarja** tkopri parir legali, preżentazzjonijiet fi proċedura għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema quddiem l-impjegatur, preżentazzjonijiet fi proċedimenti tal-qorti, rappreżentanza fi proċedimenti tal-qorti, għajjnuna legali f'soluzzjonijiet ta' tilwim amikevoli, u eżenzjoni mill-pagament ta' spejjeż legali u tariffi tal-qorti.

Għajjnuna legali sekondarja tista' tingħata jekk:

il-proċedimenti jkunu kumplessi;

I-applikant ma jkunx kapaċi jirrappreżenta lill-nifsu;

is-sitwazzjoni ekonomika tal-applikant tkun tali li l-pagament tal-għajjnuna legali professjonali jkun jista' jipperikola s-sussistenza tiegħu jew dik tal-membri tal-unità domestika tiegħu;

il-litigazzjoni ma tkunx frivola;

I-applikazzjoni tal-applikant ma tkunx ġiet irrifjutata fi żmien sitt xhur minħabba li jkun ta informazzjoni impreċiża intenzjonalment; u

I-applikant ma jkunx ingħata għajjnuna legali taħt regolamenti separati.

L-għajjnuna legali sekondarja tiġi approvata mingħajr valutazzjoni preċedenti tas-sitwazzjoni ekonomika tal-applikant, jekk l-applikant ikun:

minorenni li qed jipparteċipa fi proċedimenti ta' manteniment;

vittma ta' reat vjolenti li tkun qed tiffittx kumpens għad-dannu mġarrab b'riżultat tar-reat;

benefiċjarju ta' pagamenti ta' manteniment taħt leġiżlazzjoni speċjali li tirregola d-drittijiet ta' sigurtà soċjali, jew

benefiċjarju ta' żieda għall-għoli tal-ħajja taħt l-Att dwar id-drittijiet tal-veterani tal-Gwerra tal-Indipendenza tal-Kroazja u l-membri tal-familja tagħhom u taħt l-Att dwar il-protezzjoni ta' veterani tal-gwerra militari u ċivili.

Applikanti li jfittxu għajjnuna legali sekondarja jridu jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom lill-uffiċċju kompetenti billi jużaw formola apposta.

## **Nista' nitlob lura l-ispejjeż (talli nipparteċipa fi-investigazzjoni/fil-proċess)? Taħt liema kundizzjonijiet?**

Imputati li jinstabu haġja jiġu ordnati mill-qorti biex ikopru l-ispejjeż tal-litigazzjoni, ħlief jekk ikunu eliġibbli għal eżenzjoni sħiħa jew parzjali.

Meta proċedimenti kriminali jiġu sospiżi jew meta l-qorti ssib lill-konvenut innoċenti jew tirtira l-akkużi, id-deċiżjoni tal-qorti trid tipprovdi li l-ispiża tal-proċedimenti kriminali skont l-Artikolu 145(2)(1-5) ta' dan l-Att, l-ispejjeż inevitabli mgarraba mill-konvenut, u l-ispejjeż u t-tariffi inevitabli tal-avukat tad-difiża u l-kumpens dovut lill-jiġġarrbu mill-Istat, ħlief fejn il-liġi tipprovdi mod ieħor.

## **Nista' nressaq appell jekk il-każ tiegħi jingħalaq qabel nitla' l-qorti?**

Vittmi li l-kwereli tagħhom ikunu ġew rifjutati jistgħu jieħdu passi kriminali huma stess.

Jekk il-prosekutur pubbliku jsib li ma hemm ebda raġunijiet għall-prosekuzzjoni ta' reat li fir-rigward tiegħu jistgħu jittieħdu passi *ex officio* jew għall-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe wieħed mill-individwi rrapportati, huwa jrid jinforma lill-vittma dwar dan fi żmien tmint ijiem u jinfirmaha bil-possibbiltà li tista' tiegħu passi hija stess. Dan irid isir ukoll minn qorti jekk tingħata deċiżjoni li li tkun waqqfet il-proċedimenti minħabba li l-prosekutur pubbliku jkun waqqaf il-prosekuzzjoni f'każijiet oħra.

## **Nista' nkun involut fil-proċess?**

Skont dan l-Att, il-parti leża fi proċedimenti kriminali għandha d-dritt li:

tuża l-lingwa materna tagħha, inkluża l-lingwa tas-sinjali, u li titlob interpretu, jekk ma tkunx titkellem jew tifhem bil-Kroat, jew inkella interpretu tal-lingwa tas-sinjali jekk il-parti leża tkun persuna nieqsa mis-smiġħ jew nieqsa mis-smiġħ u d-dawl;

tressaq kawża assoċjata għad-danni u mozzjonijiet għal inġunżjonijiet temporanji;

ikollha rappreżentanza legali;

tippreżenta fatti u tressaq provi;

tattendi seduta ta' eżami tal-provi;

tattendi l-proċedimenti, tiegħu sehem fil-proċedimenti ta' eżami tal-provi u tagħmel dikjarazzjoni tal-għeluq;

titlob aċċess għall-atti tal-kawża skont l-Artikolu 184(2) ta' dan l-Att;

titlob li tkun infurmata mill-prosekutur pubbliku dwar l-azzjoni meħuda abbażi tar-rapport tagħha, u tippreżenta kwerela lill-prosekutur pubbliku superjuri; tappella;

tipprova tkompli bis-sitwazzjoni preċedenti;

tkun notifikata dwar ir-riżultat tal-proċedimenti kriminali.

## **X'inhu r-rwol uffiċjali tiegħi fis-sistema ġudizzjarja? Pereżempju, jiena meqjus(a) jew nista' nagħżel li nkun meqjus(a) bħala: vittma, xhud, parti leża jew rikorrent privat?**

Vittmi ta' reat huma individwi privati li ġarrbu ħsara fiżika jew psikoloġika, dannu lill-proprietà jew ksur serju tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom bħala konsegwenza diretta ta' reat. Vittmi ta' reat tista' tfisser ukoll il-konjuġi, sieħeb, sieħeb tal-ħajja, sieħeb tal-ħajja informali u dixxendent(i) tal-persuna li l-mewt tagħha kienet direttament attribwibbli għar-reat, jew, fin-nuqqas ta' dan, l-axxendent(i) tagħhom jew l-aħwa tal-persuna li l-mewt tagħha kienet direttament attribwibbli għar-reat. Kwalunkwe persuna li kienet tirċievi manteniment legali mill-persuna deċeduta hija wkoll meqjusa bħala vittma ta' dak ir-reat.

Parti leża hija vittma ta' reat jew persuna ġuridika li tkun ġarrbet ħsara b'riżultat ta' reat u li tipparteċipa fi proċedimenti kriminali bħala tali.

Il-kapaċità ta' parti jew tal-parteċipant fil-proċedimenti ma tiddependix fuq ix-xewqa ta' dik il-persuna, iżda fuq ir-rwol li dik il-persuna kellha fil-kwistjoni kriminali. Kwalunkwe persuna jista' jkollha wieħed mir-rwoli ta' hawn fuq, skont iċ-ċirkostanzi stabbiliti bil-liġi; l-għażla li għandhom tikkonċerna d-drittijiet li jixtiequ jeżerċitaw bħala parti leża jew vittma ta' reat.

#### **X'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tiegħi f'dan ir-rwol?**

##### **Vittma ta' reat għandha d-dritt li:**

taċċessa servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ta' reati;  
tingħata assistenza u appoġġ psikoloġiku effettiv u assistenza u appoġġ professjonali ieħor minn korpi, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet li jappoġġaw lill-vittmi ta' reati, f'konformità mal-liġi;  
tiġi protetta minn intimidazzjoni u ritaljazzjoni;  
protezzjoni tad-dinjità tagħha waqt li tinstema' bħala xhud;  
tinstema' mingħajr dewmien wara li tressaq kwerela, u sussegwentement li tiġi interrogata mhux aktar milli jkun assolutament meħtieġ għall-finijiet tal-proċedimenti kriminali;  
tkun akkumpanjata minn persuna li tafda fi kwalunkwe azzjoni li tipparteċipa fiha;  
jsirhulha proċeduri mediċi minimi u dan biss jekk ikun assolutament vitali għall-fini tal-proċedimenti kriminali;  
tippreżenta mozzjoni biex jittieħdu passi jew tressaq azzjoni privata skont il-Kodiċi Kriminali, biex tipparteċipa fi proċedimenti kriminali bħala parti leża, biex tiġi infurmata dwar iċ-ċaħda ta' kwerela (l-Artikolu 206(3) tal-Att) u dwar id-deċiżjoni tal-prosekutur pubbliku li ma jieħu ebda azzjoni, kif ukoll biex tiegħu passi b'mod individwali mingħajr il-prosekutur pubbliku;  
tiġi infurmata mill-prosekutur pubbliku dwar l-azzjoni meħuda abbażi tal-kwerela tagħha (l-Artikolu 206a tal-Att), u tressaq kwerela quddiem il-prosekutur pubbliku superjuri (l-Artikolu 206b ta' dan l-Att);  
titlob u tirċievi informazzjoni mingħajr dewmien żejjed dwar il-ħelsien tat-trażgressur minn detenzjoni jew żamma taħt arrest, il-ħarba jew il-ħelsien tiegħu mill-ħabs, u l-miżuri meħuda biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-vittma.  
titlob u tirċievi informazzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni finali li ttejjem il-proċedimenti kriminali;  
teżerċita drittijiet oħra previsti mil-liġi;

##### **Vittma li tipparteċipa fi proċedimenti kriminali bħala parti leża għandha d-dritt li:**

tuża l-lingwa materna tagħha, inkluża l-lingwa tas-sinjali, u li titlob interpretu, jekk ma tkunx titkellem jew tifhem bil-Kroat, jew inkella interpretu tal-lingwa tas-sinjali jekk il-parti leża tkun persuna nieqsa mis-smiġh jew jew nieqsa mis-smiġh u d-dawl;  
tressaq kawża għal kumpens u ordnijiet temporanji;  
ikollha rappreżentanza legali;  
tippreżenta fatti u tressaq provi;  
tattendi seduta ta' eżami tal-provi;  
tattendi l-proċedimenti, tiegħu sehem fil-proċedimenti ta' eżami tal-provi u tagħmel dikjarazzjoni tal-għeluq;  
titlob aċċess għall-fajl tal-kawża f'konformità mal-liġi;  
titlob li tkun infurmata mill-prosekutur pubbliku dwar ir-rikors meħud abbażi tar-rapport tagħha, u tippreżenta kwerela lil prosekutur pubbliku superjuri; tappella;  
tipprova tkompli bis-sitwazzjoni preċedenti;  
tkun notifikata dwar ir-riżultat tal-proċedimenti kriminali.

#### **Minbarra d-drittijiet tal-vittmi taħt dan l-Att il-vittmi tfa' igawdu d-drittijiet li ġejjin:**

##### **rappreżentant ipprovdut mingħajr ħlas,**

##### **protezzjoni tad-data personali,**

##### **esklużjoni tal-pubbliku. (L-Artikolu 44(1) tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali)**

Minbarra d-drittijiet tal-vittmi msemmija fl-Artikolu 43 ta' dan l-Att, il-vittmi ta' reati sesswali u traffikar tal-bnedmin igawdu d-drittijiet li ġejjin:

konsultazzjoni mingħajr ħlas qabel jiġu intervistati,

rappreżentant mingħajr ħlas,

li jiġu interrogati, fl-għassa tal-pulizija jew fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku, minn persuna tal-istess sess, u, jekk possibbli, minn dik l-istess persuna jekk l-intervista tiġi ripetuta,

biex ma jagħtux tweġiba għal mistoqsijiet li mhumiex relatati mar-reat iżda li jikkonċernaw il-ħajja privata tal-vittma,

biex jitlobu li jiġu intervistati b'mezzi awdjoviżivi (l-Artikolu 292(4) ta' dan l-Att),

protezzjoni tad-data personali,

esklużjoni tal-pubbliku mill-proċedimenti. (L-Artikolu 44(4) tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali)

Matul l-istadju tal-investigazzjoni, vittmi ta' reati li huma rikorrenti privati jew partijiet leżi jistgħu jiġbdu l-attenzjoni għall-fatti kollha u jippreżentaw evidenza li tkun materjali għall-aċċertar tar-reat, għall-identifikazzjoni tat-trażgressur(i) u għall-istabbiliment tat-talbiet tagħhom fil-kawża assoċjata għall-kumpens.

Kemm qabel u fl-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u l-qorti jridu jqisu jekk huwiex possibbli li l-imputat jikkumpensa lill-parti leża għal kwalunkwe telf ikkawżat mir-reat Huma jridu jinfurmaw lill-parti leża wkoll dwar ċerti drittijiet skont il-liġi (eż. id-dritt tal-parti leża li tuża l-lingwa materna tagħha, id-dritt li tressaq kawża għad-danni, eċċ.).

Persuni li x'aktarx ikollhom informazzjoni dwar ir-reat, it-trażgressur jew ċirkostanzi pertinenti oħra jistgħu jiġu mħarrka bħala **xhieda**.

Partijiet leżi, **partijiet leżi li jagħxu bħala rikorrent u rikorrenti privati jistgħu jiġu interrogati bħala xhieda**.

**Rikorrent privat** għandu l-istess drittijiet bħall-prosekutur pubbliku, bl-eċċezzjoni tad-drittijiet li jappartjenu unikament għal awtorità tal-Istat.

#### **Matul il-proċess, nista' nagħmel dikjarazzjoni jew nippreżenta evidenza? Taħt liema kundizzjonijiet?**

Skont dan l-Att, il-parti leża għandha d-dritt li:

tiġbed l-attenzjoni għall-fatti u tippreżenta evidenza;

tattendi seduta ta' eżami tal-provi;

tattendi l-proċedimenti, tiegħu sehem fil-proċedimenti ta' eżami tal-provi u tagħmel dikjarazzjoni tal-għeluq (Artikolu 51(1) tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali).

Vittma li tiegħu passi għandha l-istess drittijiet bħall-prosekutur pubbliku, bl-eċċezzjoni tad-drittijiet li jappartjenu unikament għal awtorità tal-Istat.

Rikorrent privat għandu l-istess drittijiet bħall-Avukat Ġenerali, bl-eċċezzjoni tad-drittijiet li jappartjenu unikament għal awtorità tal-Istat. Ir-rikorrenti privati huma soġġetti għall-istess dispożizzjonijiet proċedurali li japplikaw għall-partijiet leżi u r-rikorrenti.

Fis-seduta, il-prim imħallef jistieden lill-partijiet kollha biex juru l-evidenza li beħsiebhom jippreżentaw fis-seduta prinċipali. Kull parti hija mistiedna tikkummenta dwar is-sottomissjonijiet tal-parti l-oħra.

#### **X'informazzjoni nirċievi matul il-proċess?**



Matul l-istadju tal-investigazzjoni, vittmi ta' reati li huma rikorrenti privati jew partijiet leżi jistgħu jiġbdu l-attenzjoni għall-fatti kollha u jippreżentaw evidenza li tkun materjali għall-aċċertar tar-reat, għall-identifikazzjoni tat-trażgressur(i) u għall-istabbiliment tat-talbiet tagħhom fil-kawża għall-kumpens.

Vittma li tipparteċipa fi proċedimenti kriminali bħala parti leża għandha d-dritt li:

titlob li tkun infurmata mill-prosekutur pubbliku dwar l-azzjoni meħuda abbażi tar-rapport tagħha, u tippreżenta kwerela quddiem prosekutur pubbliku superjuri;

tiġi infurmata li l-kwerela tkun għet miċħuda jew li l-prosekutur pubbliku jkun iddeċieda li ma jieħu ebda azzjoni;

tirċievi avviż dwar l-eżitu tal-proċedimenti kriminali.

### **Inkun nista' naċċessa l-atti tal-kawża?**

Vittma li tipparteċipa fi proċedimenti kriminali bħala l-parti leża tista' taċċessa l-atti tal-kawża.

L-aħħar aġġornament: 27/03/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### **3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess**

#### **Nista' nappella kontra s-sentenza?**

Vittmi li jipparteċipaw fi proċediment kriminali bħala parti leża jistgħu jappellaw mid-deċiżjoni.

Persuni awtorizzati jistgħu jappellaw kontra deċiżjoni tal-prim'istanza fi żmien 15-il jum mid-data li fiha jingħataw kopja tad-deċiżjoni.

Appell jista' jitressaq minn kwalunkwe parti fil-kawża, mill-avukat tad-difiża jew mill-parti leża.

Il-parti leża tista' tappella kontra d-deċiżjoni abbażi tad-deċiżjoni tal-qorti rigward l-ispejjeż tal-proċedimenti kriminali jew it-talba għal kumpens. Madankollu, jekk l-Avukat Ġenerali jkun assumu r-responsabbiltà għall-prosekuzzjoni mill-parti leża fejn jaġixxi bħala prosekutur privat, dan tal-aħħar jista' jappella fuq kwalunkwe bażi li fuqha tista' tiġi kkontestata deċiżjoni.

#### **X'inhuma d-drittijiet tiegħi wara li tinqata' s-sentenza?**

Vittmi li jipparteċipaw fi proċediment kriminali bħala parti leża jistgħu jappellaw u jfittxu rkupru tas-sitwazzjoni preċedenti.

#### **Jiena intitolat għal appoġġ jew protezzjoni wara l-proċess? Għal kemm żmien?**

Il-vittmi u x-xhieda jistgħu jirrikorru għal dipartimenti speċjalizzati ta' qrati tal-kontea biex jingħataw informazzjoni u appoġġ fi kwalunkwe ħin matul proċedimenti kriminali (jew ta' reati minuri), iżda qabel ma tittieħed id-deċiżjoni.

Jekk il-vittmi jew ix-xhieda jmorru għand dawn id-dipartimenti tal-appoġġ għall-vittmi u għax-xhieda **wara li tkun ittieħdet deċiżjoni**, id-dipartimenti jagħtuhom informazzjoni konsistenti mal-mandat tagħhom u jirreferu għand organizzazzjonijiet u servizzi oħra li jispesjalizzaw fil-ħtiġijiet tal-vittmi jew tax-xhieda.

**Is-Servizz Indipendenti ta' appoġġ għall-vittmi u x-xhieda tal-Ministeru tal-Ġustizzja** jagħti informazzjoni lill-vittmi, lill-partijiet leżi jew lill-familji tagħhom dwar il-ħelsien tat-trażgressur mill-ħabs (ħelsien awtomatiku jew kundizzjonali). Din l-informazzjoni tingħata lill-vittmi kollha ta' reati serji kif ukoll lill-partijiet leżi wara reati serji, bħal reati kontra l-ħajja, reati sesswali, reati vjolenti jew delitti tal-gwerra.

F'każijiet eċċezzjonali, meta s-Servizz isib li vittma ta' vjolenza domestika fit-tul jew vjolenza fuq in-nisa tkun teħtieġ appoġġ koordinat addizzjonali, dan jinforma lill-koordinatur tal-Tim tal-Kontea għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika dwar l-intervista li tkun saret mal-vittma u dwar il-problemi li qed taffaċċja, u jitlob li t-Tim tal-Kontea jieħu azzjoni xierqa. Fejn ikun xieraq, din l-informazzjoni tintbagħat ukoll lid-dipartiment tal-pulizija kompetenti u liċ-ċentru kompetenti ta' protezzjoni soċjali jekk il-vittma (minorenni/persuna) ma tingħataw kapaċità ġuridika, jew inkella lill-uffiċċji kompetenti tal-probation jekk it-trażgressur ikun inħeles b'mod kundizzjonali u jkun meħtieġ jirrapporta lill-uffiċċju tal-probation b'mod regolari.

F'każijiet eċċezzjonali, meta s-Servizz jikkonkludi, abbażi tal-informazzjoni miġbura mill-vittma (ta' reat għajr dawk imsemmija hawn fuq), li l-vittma tkun teħtieġ appoġġ u protezzjoni addizzjonali b'mod assolut, dan jista' jitlob azzjoni mid-dipartiment tal-pulizija kompetenti, suġġett għall-kunsens tal-vittma. L-appoġġ għall-vittmi jingħata wkoll minn **organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**, immedjatament wara li jitwettaq reat, matul il-proċedimenti kriminali, u wara l-proċess, jiġifieri wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali. L-appoġġ u l-assistenza mogħtija mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiddependu fuq il-mandat tagħhom.

#### **X'informazzjoni ningħata jekk it-trażgressur jiġi kkundannat?**

Deċiżjoni bil-miktub bi struzzjonijiet dwar rimedji legali tingħata lir-rikorrent, lill-intimat u lill-avukat tad-difiża tiegħu, lill-parti leża (jekk din tal-aħħar ikollha d-dritt ta' appell), lill-parti li l-proprietà tagħha tkun għet ikkonfiskata mid-deċiżjoni, u lill-entità ġuridika li mingħandha jkun ser jiġi kkonfiskat ir-rikavat. parti leża li ma jkollhix id-dritt ta' appell tingħata d-deċiżjoni kif previst mil-liġi, flimkien ma' nota dwar id-dritt tagħha li tiffetx irkupru tas-sitwazzjoni preċedenti. Id-deċiżjoni finali tingħata lill-parti leża fuq talba tagħha.

#### **Niġi infurmat jekk it-trażgressur jinħeles (inkluż ħelsien bikri jew kundizzjonali) jew jaħrab mill-ħabs?**

Skont l-Att dwar il-Proċedura Kriminali, il-vittma li titlob dan se tiġi infurmata mill-pulizija, mingħajr dewmien, dwar it-tmien ta' detenzjoni jew żamma taħt arrest tat-trażgressur, ħliet meta din id-divulgazzjoni tista' tqiegħed f'riskju lit-trażgressur. Il-vittma tiġi infurmata wkoll dwar il-miżuri li jittieħdu biex hija tiġi protetta, fejn dawn il-miżuri jkunu ġew ordati.

Iċ-ċentri korrettivi u l-ħabsijiet ma jinfurmawx lis-Servizz għall-vittmi u għax-xhieda dwar priġunieri maħrubin, iżda jibagħtu notifika dwar il-ħarba tat-trażgressur lill-pulizija biss; madankollu, dawn ir-regoli huma skedati li jiġu emendati dalwaqt.

Fuq talba tagħhom, il-vittmi għandhom id-dritt li jiġu infurmati mingħajr dewmien dwar il-ħelsien tat-trażgressur minn detenzjoni jew żamma taħt arrest, kif ukoll dwar il-ħarba jew il-ħelsien tiegħu mill-ħabs u dwar il-miżuri meħuda fl-interess tas-sikurezza tal-vittma.

Il-vittmi ta' reati serji, jiġifieri reati kontra l-ħajja, reati sesswali, reati vjolenti u delitti tal-gwerra, jiġu infurmati dwar il-ħelsien awtomatiku jew kundizzjonali tat-trażgressur.

#### **Jien inkun involut f'deċiżjonijiet dwar il-ħelsien jew il-parole? Pereżempju, nista' nagħmel stqarrija jew inressaq appell?**

Kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir mill-vittma ta' reati vjolenti u informazzjoni oħra rilevanti li tappartjeni għall-vittma tittieħed inkunsiderazzjoni meta titqies deċiżjoni biex it-trażgressur potenzjalment jingħata l-benefiċċju li jgħatta' tmiem il-ġimgħa barra mill-ħabs. Id-dikjarazzjoni tal-vittma tagħmel parti mill-fajl tal-libertà kundizzjonali. Madankollu, ir-regolamenti attwalment fis-seħħ ma jipprevedu li l-vittma tkun involuta f'deċiżjoni dwar il-libertà kundizzjonali u/jew li tappella kontra dik id-deċiżjoni.

L-aħħar aġġornament: 27/03/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### **4 - Kumpens**

#### **X'inhu l-proċess biex nitlob kumpens mingħand it-trażgressur? (pereż. kawża quddiem il-qorti, kawża ċivili, proċedura ta' aderenza)**

Skont regolamenti speċifiċi, il-vittmi ta' reati kastigabbli bi priġunerija ta' ħames snin jew aktar, li jkunu bawew trawma psikofizika severa jew li jkunu ġew affettwati b'mod serju mir-reat, għandhom id-dritt għal konsulent qabel jixhdu fi proċedimenti kriminali jew ippreżentaw talba għal kumpens; it-tariffi tal-konsulent jiġġarrbu mill-gvern.

It-talbiet għal kumpens fi proċedimenti kriminali jistgħu jsiru minn persuni awtorizzati biex jagħmlu dawn it-talbiet f'kawżi ċivili.

Il-vittmi tal-kriminalità li jippreżentaw talba għal kumpens iridu jindikaw jekk huma kisbux kumpens jew ippreżentaw talba għal kumpens.

#### **Il-qorti ordnat lit-trasgressur iħallasni d-danni / il-kumpens. Kif nista' nkun ċert li t-trasgressur iħallas?**

Ladarba d-deċiżjoni dwar talba għal kumpens tkun finali u eżegwibbli, il-parti danneġġata tista' titlob lill-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni fil-proċedimenti ta' prim' istanza biex tagħtiha kopja ċċertifikata ta' dik id-deċiżjoni, b'indikazzjoni li din tal-aħħar hija eżegwibbli.

Jekk id-deċiżjoni ma tistabbilixx skadenza għall-konformità, l-obbligu impost mid-deċiżjoni jrid jiġi kkompletat fi żmien 15-il jum minn meta d-deċiżjoni ssir finali. Wara din l-iskadenza, l-issodisfar tal-obbligu jsir suġġett għall-eżekuzzjoni.

#### **Jekk it-trasgressur ma jħallasx, l-istat jista' jħallasni avvanz? Taht liema kundizzjonijiet?**

Vittma ta' reat intenzjonali tista' tingħata kumpens mill-baġit tal-Istat taħt att speċifiku. Fejn il-vittma tkun rebħet talba għad-danni, l-ammont tal-kumpens jiddependi fuq l-ammont mogħti; il-qorti li tiddeċiedi dwar it-talba għad-danni tiegħu l-istess azzjoni meta l-vittma tkun diġà ħadet kumpens mill-baġit tal-Istat.

#### **Jien intitolat għal kumpens mill-istat?**

Il-vittmi ta' reati vjolenti mwettqa fil-Kroazja wara l-1 ta' Lulju 2013 huma eliġibbli għall-kumpens:

jekk ikunu ċittadini jew residenti tal-Kroazja jew ta' Stat Membru ieħor tal-UE;

jekk ikunu sofwew offiża gravi fuq il-persuna jew deterjorament serju fis-saħħa b'riżultat tar-reat;

jekk ir-reat jiġi rrapportat jew jitressaq mill-pulizija jew mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku fi żmien sitt xhur mid-data li fih ikun twettaq, irrispettivament minn jekk ikunx magħruf min huwa t-trasgressur;

jekk ikunu ppreżentaw talba fuq formola uffiċjali, flimkien mad-dokumentazzjoni rekwiżita (il-formola tista' tinkiseb minn kwalunkwe għassa tal-pulizija, uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jew qorti muniċipali jew tal-kontea; hija disponibbli wkoll online fuq is-siti web tal-Ministeru tal-Ġustizzja, tal-Ministeru għall-Intern, tal-Prosekutur Pubbliku u tal-qrati muniċipali u tal-kontea).

Il-vittma għandha d-dritt li tingħata kumpens:

għall-ispejjeż ta' trattament mediku f'konformità mal-limiti nazzjonali; dan il-kumpens jingħata biss fejn il-kumpens tal-vittma ma jkunx kopert minn assigurazzjoni tas-saħħa.

sa HRK 35 000 għall-qligħ mitluf.

#### **Jien intitolat għall-kumpens jekk it-trasgressur ma jiġix ikkundannat?**

Il-vittma tista' tingħata kumpens anki jekk it-trasgressur ma jkunx magħruf jew jekk ma jkunux inbdew proċedimenti kriminali.

#### **Jiena intitolat għal pagament ta' emerġenza waqt li nistenna d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħi għal kumpens?**

Pagamenti ta' emerġenza mhumix previsti mil-liġi Kroata.

L-aħħar aġġornament: 27/03/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestiita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### **5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza**

##### **Jiena vittma ta' reat. Lil min għandi nikkuntattja għall-appoġġ u l-assistenza?**

##### **Linja telefonika għall-appoġġ għall-vittmi**

Il-linja telefonika nazzjonali għall-appoġġ għall-vittmi ta' reati u reati minuri (116-006) tipprovdi appoġġ emozzjonali, informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittmi, informazzjoni Prattika u gwida dwar liema korpi u organizzazzjonijiet jistgħu jipprovdu aktar informazzjoni, assistenza u appoġġ.

Il-linja telefonika għall-appoġġ huwa servizz mingħajr ħlas, disponibbli bil-Kroat u bl-Ingliż, matul il-ġimgħa mit-8.00 sat-20.00.

##### **Il-linja telefonika nazzjonali għall-appoġġ għall-vittmi ta' reati u reati minuri (116-006) huwa servizz ta' appoġġ ġenerali.**

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: <https://pzs.hr/>

Organizzazzjonijiet speċjalizzati oħra tas-soċjetà ċivili jipprovdu wkoll appoġġ u assistenza lill-vittmi ta' ċerti reati u lill-minorenni permezz tat-telefown. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq *is-sit web* tal-[Ministeru tal-Ġustizzja](#) Kroat, fejn tista' ssib ukoll il-lista ta' dawn l-organizzazzjonijiet skont il-kontea u l-informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili inklużi fin-Network ta' Appoġġ u Kooperazzjoni għall-Vittmi u x-Xhieda ta' Reat (*Mreža podrške i suradnje za žrtve i svjedoke kaznenih djela*).

##### **Lista ta' organizzazzjonijiet li jiprovdu assistenza psikosoċjali u legali fil-pajjiż kollu:**

116 006	Linja telefonika nazzjonali għall-appoġġ għall-vittmi ta' reati u reati minuri	Matul il-ġimgħa bejn it-8.00 u t-20.00
116 000	Hotline nazzjonali għat-tfal neqsin Ċentru għal tfal neqsin u abbużati	24/7
116 111	Linja telefonika Hrabri għat-tfal	Matul il-ġimgħa bejn id-9.00 u t-20.00
0800-0800	Linja telefonika Hrabri għall-ġenituri	Matul il-ġimgħa bejn id-9.00 u t-20.00
0800 77 99	Numru ta' emerġenza għat-traffikar ta' bnedmin	Kuljum, bejn l-10.00 u s-18.00
0800 55 44	Ċentru ta' konsulenza għan-nisa li huma vittmi ta' vjolenza Ċentru ta' kenn għan-nisa f'Zagreb	Matul il-ġimgħa bejn il-11.00 u l-17.00
0800 655 222	Numru ta' emerġenza għal nisa u minorenni li huma vittmi ta' vjolenza Linja telefonika Ženska pomoć sada għall-għajnuna għan-nisa	24/7
0800 200 144	Assistenza legali bla ħlas B.a.B.e. għall-vittmi ta' vjolenza domestika	Matul il-ġimgħa bejn id-9.00 u t-15.00
01 6119 444	Ċentru ta' appoġġ għall-vittmi ta' vjolenza sesswali Ċentru għad-drittijiet sesswali Ženska soba	Matul il-ġimgħa bejn il-10.00 u l-17.00
01 48 28 888	Assistenza psikoloġika Ċentru TESA għall-assistenza psikoloġika	Matul il-ġimgħa bejn l-10.00 u l-22.00
01 48 33 888	Linja telefonika Plavi	Matul il-ġimgħa bejn id-9.00 u d-21.00
01 4811 320	Għajnuna legali mingħajr ħlas Klinika Legali tal-Fakultà tal-Liġi, Zagreb	Matul il-ġimgħa bejn l-10.00 u 12.00, l-Erbgħa u l-Ħamis bejn il-17.00 u s-19.00

## L-appoġġ għall-vittmi huwa mingħajr ħlas?

Iva.

## X'tipi ta' appoġġ nista' nirċievi mis-servizzi tal-Istat jew mill-awtoritajiet?

### Id-dipartimenti tal-appoġġ għall-vittmi u għax-xhieda jipprovdu:

appoġġ emozzjonali;

informazzjoni dwar id-drittijiet;

informazzjoni teknika u Prattika għall-vittmi, ix-xhieda u l-membri tal-familja tagħhom;

riferimenti għand istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili speċjalizzati, skont il-ħtiġijiet tal-vittma/ix-xhud.

### Id-dipartimenti tal-appoġġ għall-vittmi u għax-xhieda tal-qrati tal-kontea:

DIPARTIMENTI TAL-APPOĠĠ GĦALL-VITTMU U GĦAX-XHIEDA		
Qorti tal-Kontea ta' Osijek	Indirizz:	Europska avenija 7, 31 000 Osijek, Croatia
	Tel.:	031/228-500
	indirizz elettroniku:	<a href="mailto:podrska-svjedocima@zsos.pravosudje.hr">✉ podrska-svjedocima@zsos.pravosudje.hr</a>
Qorti tal-Kontea ta' Rijeka	Indirizz:	Žrtava fašizma 7, 51000 Rijeka, Croatia
	Tel.:	051/355-645
	indirizz elettroniku:	<a href="mailto:podrska-svjedocima-ri@pravosudje.hr">✉ podrska-svjedocima-ri@pravosudje.hr</a>
Qorti tal-Kontea ta' Sisak	Indirizz:	Trg Ljudevita Posavskog 5, 44000 Sisak, Croatia
	Tel.:	044/524-419
	indirizz elettroniku:	<a href="mailto:podrska-svjedocima-sk@zssk.pravosudje.hr">✉ podrska-svjedocima-sk@zssk.pravosudje.hr</a>
Qorti tal-Kontea ta' Split	Indirizz:	Gundulićeva 29a, 21000 Split, Croatia
	Tel.:	021/387-543
	indirizz elettroniku:	<a href="mailto:podrska-svjedocima-st@pravosudje.hr">✉ podrska-svjedocima-st@pravosudje.hr</a>
Qorti tal-Kontea ta' Vukovar	Indirizz:	Županijska 33, 32000 Vukovar, Croatia
	Tel.:	032/452-529
	e-mail:	<a href="mailto:podrska-svjedocima-vu@pravosudje.hr">✉ podrska-svjedocima-vu@pravosudje.hr</a>
Qorti tal-Kontea ta' Zadar	Indirizz:	Borelli 9, 23 000 Zadar, Croatia
	Tel.:	023/203-640
	indirizz elettroniku:	<a href="mailto:podrska-svjedocima@pravosudje.hr">✉ podrska-svjedocima@pravosudje.hr</a>
Qorti tal-Kontea ta' Zagreb	Indirizz:	Trg N.Š. Zrinskog 5, 10 000 Zagreb, Croatia
	Tel.:	014801-062

Is-Servizz tal-Appoġġ għall-Vittmi u x-Xhieda (*Služba za podršku žrtvama i svjedocima*) tal-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Kroazja:

jipprovdi sistema ta' appoġġ għall-vittmi u x-xhieda

jikkoordina x-xogħol tad-dipartimenti tal-qrati tal-appoġġ għall-vittmi u x-xhieda

jipprovdi informazzjoni lill-vittmi, lill-partijiet leżi jew lill-membri tal-familji tagħhom dwar il-ħelsien mill-ħabs tat-trażgressur (ħelsien mingħajr kundizzjoni jew ħelsien bi probation)

jipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet u l-appoġġ emozzjonali lil vittmi u xhieda minn barra l-pajjiż li jiġu mistiedna jagħtu evidenza fil-qrati Kroati permezz tal-mekkaniżmu internazzjonali ta' assistenza legali, u lill-vittmi u xhieda Kroati li jiġu mistiedna jagħtu evidenza fi qrati barranin permezz ta' dak il-mekkaniżmu.

Is-Servizz jibgħat ittri lill-vittmi u x-xhieda b'informazzjoni ta' kuntatt

jirċievi talbiet għal kumpens mingħand il-vittmi ta' reat, jipprepara materjal għal-laqqgħat tal-Kumitat għall-Kumpens tal-Vittmi ta' Reati (*Odbor za novčanu naknadu žrtvama kaznenih djela*) u jipprovdi assistenza f'każijiet transfruntiera

## X'tipi ta' appoġġ nista' nirċievi mingħand organizzazzjonijiet nongovernattivi?

Skont it-tip ta' organizzazzjoni u l-mandat tagħha, hemm diversi tipi ta' assistenza u appoġġ disponibbli: psikoloġiċi, emozzjonali, legali, prattiki, ta' akkomodazzjoni, mediċi, ta' sigurtà, u ta' appoġġ fil-qorti.

Aktar informazzjoni u l-lista ta' dawn l-organizzazzjonijiet skont il-kontea hija disponibbli fuq is-sit web tal-[Ministeru tal-Ġustizzja](#) tal-Kroazja.

Tnax-il uffiċċju tal-probation jinsabu fil-proċess ta' stabbiliment fil-Kroazja. Il-fini huwa li tiżdied dimensjoni umana għall-infurzar ta' sanzjonijiet kriminali, li tiġi żgurata riintegrazzjoni aktar effiċjenti tat-trażgressuri fis-soċjetà, u li l-vittmi, il-partijiet leżi u l-familji tal-vittmi u t-trażgressuri jingħataw assistenza.

Is-Servizz ta' Probation Nazzjonali jipparteċipa fit-tnejja biex it-trażgressuri jerġgħu jintegraw fil-komunità wara li jkun nħelsu mill-ħabs. Dan jinkludi għajnuna biex isibu akkomodazzjoni u xogħol, u tnejja biex kemm huma, kif ukoll il-vittmi, il-partijiet leżi u l-familji tal-vittmi jithejw għall-ħelsien. Is-Servizz jagħmel ukoll arranġamenti għall-forniment ta' appoġġ psikosoċjali għall-vittmi, il-partijiet danneġġati u l-familji tal-vittmi u tat-trażgressur.

Meta t-trażgressur li jkun se jinħeles ikun qed jiskonta piena għal reat sesswali, reat kontra l-ħajja jew reat vjolenti, is-Servizz ta' Probation huwa meħtieġ jinforma lill-vittmi, lill-partijiet leżi jew lill-familji tagħhom b'mod xieraq u mingħajr dewmien.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċji tal-probation individwali u tad-Dipartiment tal-Probation tal-Ministeru tal-Ġustizzja huma disponibbli [hawn](#).

Il-vittmi ta' reat jistgħu jikkuntattjaw lill-pulizija permezz tal-email fuq [✉ policija@mup.hr](mailto:policija@mup.hr) jew [✉ prevencija@mup.hr](mailto:prevencija@mup.hr), jew inkella billi jċemplu fuq **192 (24/7) jew +385 1 3788 111**.

L-aħħar aġġornament: 27/03/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.